**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**Vs**

**Ivan Mula**

Illum 9 ta' Jannar 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ivan Mula, ta' 33 sena, iben il-mejjet Andrew u Theresa nee' Bugeja, imwieled Hat-Attard, nhar it-22 ta' April, 1980, u residenti gewwa 8, Serendipity, Sqaq San Frangisk, Zabbar, detentur ta' karta tal-identita' 0572280 (M)

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-06 ta' Mejju, 2013, u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. nhar is-6 ta' Mejju, 2013, f'dawn il-Gzejjer, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Iona Marie Scicluna minn Haz-Zabbar, kontra l-volonta' taghha, jew ta il-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex l-imsemmija Iona Marie Scicluna tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha u cioe' sabiex isir trasferiment ta' vettura ION317;

2. U aktar talli nhar is-6 ta' Mejju, 2013, f'dawn il-Gzejjer, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita kompetenti, u, barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Iona Marie Scicluna minn Haz-Zabbar, kontra l-volonta taghha, jew ta' il-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex l-imsemmija Iona Marie Scicluna tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha u cioe' li jsir *standing order* fil-fergha tal-Bank of Valletta ta' Haz-Zabbar ta' €850 fix-xahar pagabbli Iil Ivan Mula minn Haz-Zabbar;

3. U aktar talli nhar 1-1 ta' Mejju, 2013, f'dawn il-Gzejjer, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati arresta, zamm jew issekwestra lil Iona Marie Scicluna minn Haz-Zabbar, kontra l-volonta' taghha, jew ta' il-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex l-imsemmija Iona Marie Scicluna tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha u cioe' trasferiment tas-somma ta' cekk €25,000 lil Ivan Mula minn Haz-Zabbar, permezz ta' cekk tal-Bank Of Valletta liema trasferiment ta' flus sar ghad-detriment ta' Iona Marie Scicluna minn Haz-Zabbar u/jew persuni ohra;

4. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn is- 6 ta' Mejju, 2013, u x-xhur ta' qabel din id-data u aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkustanzi gab ruhu b'mod li kien jaf jew imissu kien jaf li kien ta' fastidju ghal partner tieghu Iona Marie Scicluna;

5. U aktar talli fdawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkustanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lis-siehba tieghu Iona Marie Scicluna minn Haz-Zabbar, biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra il-propjeta taghha;

6. U akkuzat talli fl-istess dati, lok, hin u cirkustanzi, gewwa residenza 8, Serendipity, Sqaq San Frangisk, Zabbar, bi kliem insulenta, hedded jew ingurja lil partner tieghu Iona Marie Scicluna;

7. U aktar talli nhar is-6 ta' Mejju, 2013, f'dawn il-Gzejjer, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' telefown cellular, liema ammont tal-hsara li ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezrnu (1, 164.69), imma huwa izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezrnu (116.47), saret ghad-dannu ta' Iona Marie Scicluna minn Haz-Zabbar;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu f'dokument mahsub ghal awtorita' pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz;

9. U aktar talli bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'I quddiem jiswew bi prova kontra Iona Marie Scicluna, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

10. U aktar talli kiser diversi kundizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Onorabbli Qorti meta nhar: is-06 ta' Lulju, 2012 inghata sentenza ta art. 22 Kap 446 ghal sena mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi tirrevoka contrario imperio id-digriet tal-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Ivan Mula moghti nhar 1-20 ta' Novembru 2012 u tordna r-ri-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' hames t'elef (5,000) Ewro imposta fuqu bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna/i offizi, cioe' lill-Iona Marie Scicluna jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna/i lezi minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputata skond kif jipprovdi l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

a. fl-artikoli 17, 18, 31, 533 u 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. fl-artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. fl-artikolu 339(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
h. fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
i. fl-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
j. fl-artikolu 110 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
k. fl-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti jirrizulta s-segwenti:

- L-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jirrisalu ghall-1 u s-6 ta' Mejju 2013 u ghax-xhur ta' qabel.
- Il-parte civile Iona Marie Scicluna u l-imputat Ivan Mula kien ilhom ftit aktar minn sentejn f'relazzjoni. Minn tali relazzjoni twieled wild.
- Jirrizulta li fiz-zmien relevanti ghall-kaz odjern huma kienu jirrisjedu fil-proprjeta' li tappartjeni lil Iona Marie Scicluna li fuqha kien hemm loan liema loan kien jithallas b'pagament fix-xahar mill-istess Scicluna.
- Huwa evidenti mix-xhieda prodotti kif ukoll mill-konversazzjonijiet rizultanti fir-rapport tal-espert Dr Farrugia Sacco li r-relazzjoni bejn l-imputat u l-parte civile kienet wahda *on and off*.
- Fl-10 ta' Mejju 2013 l-imputat ghamel rapport fl-ghassa taz-Zejtun[1] li l-partner tieghu Iona Marie Scicluna kienet telqet bil-vettura tieghu u ma kinitx qeghda twiegbu. Huwa kien semma li l-vettura b'registrazzjoni numru ION317 tal-ghamla Kia kienet originarjament ta' Scicluna izda giet trasferita fuqu nhar it-8 ta' Mejju 2013 u kien wera l-logbook lis-surgent PS 1386[2].

[1] Dok KP1 a fol 141 tal-process
[2] Xhieda Spettur Kevin Pulis fil-11 ta' Dicembru 2013

- Il-pulizija ppruvaw jaghmlu kuntatt ma′ Scicluna izda ma rnexxilhomx.
- Fit-13 ta′ Mejju 2013 l-imputat mar jivverifika l-ghassa taz-Zejtun dwar ir-rizultanzi tal-investigazzjoni in segwitu ghar-rapport maghmul minnu.
- L-Ispettur Pulis sussegwentement gie infurmat mill-Ispettur Sylvana Briffa li kienet giet avvicinata minn Iona Marie Scicluna b′xi problemi li kellha mal-partner taghha, l-imputat, u kienet semmitilha wkoll dwar trasferiment ta′ vettura u xi standing order li kien sar.
- Fis-16 ta′ Mejju 2013 Iona Marie Scicluna intalbet tmur l-ghassa u l-Ispettur Pulis ha dikjarazzjoni[3] dettaljata tal-istess fuq diversi domandi li ghamlilha.

❖ Iona Marie Scicluna ddikjarat li hija kienet tghix mal-imputat gewwa l-post taghha. Il-Hadd 5 ta′ Mejju 2013 kienu argumentaw u baqghu jargumentaw sal-ghada t-Tnejn. Waqt dawn l-argumenti hija stqarret li Ivan Mula qalilha li ried il-karozza taghha bhala kumpens ta′ flus li hija telfitu minhabba li huwa ghaggel is-separazzjoni tieghu. Hija ma riditx taghtih il-karozza. Il-Hadd ma baqax jinsisti ghall-karozza u raqdu miggieldin.

❖ It-Tnejn filghodu libsu ghax-xoghol. Xis-6.45am l-imputat rega′ qabad l-argumenti. Hin minnhom tghid li hadilha c-cavetta tal-post taghha, il-mowbajl kif ukoll ic-cavetta tal-karozza taghha. Dawn l-affarijiet kienu fuq il-mejda tal-kcina. Hija bdiet titolbu biex jaghtiha almenu c-cavetta tal-karozza sabiex tmur ix-xoghol. Huwa qalilha li kieku kien se jaghmel hekk hija kienet tmur ghand ommha u ma tmurx lura izda hija wegbitu li ma kienx se jigri hekk. Imbaghad hija ddecidiet li kien sar il-hin ghax-xoghol u harget il-barra. Waqt li kienet barra Ivan Mula ghajtilha u qalilha li kien se jaghtiha l-affarijiet lura. Hija bdiet tibza′ tidhol lura d-dar ghaliex kienet taf li jekk se tidhol ma kienx se jhalliha tohrog mid-dar. Hija dahlet lura ghaliex hasebet li la hija kienet bil-mixi u huwa bil-karozza anki li kieke telqet xorta wahda kien se jilhaqha.

❖ Kif dahlet id-dar qalilha li dakinhar hadd ma kien sejjer ghax-xoghol ghaliex riedu jmorru l-bank biex jigbdu l-flus li kellha fil-kont taghha, biex taghmillu standing order mill-kont taghha ta′

---

[3] Dok KP2 a fol 144 tal-process

€850 mill-paga taghha ghall-kont tieghu kull xahar u biex jaqilbu l-karozza taghha fuq ismu. Hija qaltlu iva jaghmlu kif ried.

- Marru ghand tabib gewwa spizerija biex l-imputat jaghmel certifikat minhabba x-xoghol tieghu. Imbaghad marru Transport Malta gewwa l-Furjana sabiex jaghmlu kopja tal-logbook biex tiffirmalu u marru ghand tal-insurance u hija ffirmat il-logbook quddiem tal-insurance. Marru imbaghad il-Bank of Valletta f'Haz-Zabbar biex tigbed il-flus li qalilha u taghmel l-istanding order. Hija sostniet li qabel marru f'dawn il-postijiet l-imputat beda jghidilha 'mossa falza u hazin ghalik'. Kienu marru wkoll ghand Buhagiar Motors.
- Meta marru lura d-dar baqghu jargumentaw sat-Tlieta filghodu. It-Tlieta ikkalma u bdew jitkellmu b'mod civili. L-Erbgha rrangaw u qalilha li l-flus kien se jaghtihomlha (ghalkemm baqa' ma tahomlix) u qalilha li l-karozza kienu se jdawruha lura fuqha. Il-Hamis filghodu ta c-cavetta tal-karozza u ta c-cwievet tad-dar u kulhadd mar ghax-xoghol u hija marret ghand il-genituri taghha u ma marritx lura l-post taghha. Hija tghid li baqghet dak il-jiem mieghu ghax riedet lura c-cwievet u ghaliex bezghet minnu li jsawwatha.
- Hija sostniet li hija ffirmat il-logbook kontra l-volonta' taghha billi kien hemm diversi drabi fejn kien aggressiv maghha u beda jghidilha li jekk ma taghmilx dak li kien qieghed jitlob minnha hazin kien ikun ghaliha u bezghet ghal bintha u l-genituri taghha. Kien qalilha li hu kien iqabbad lil min biex jeqridha mid-dinja u li kien se jahraq  dar il-genituri taghha u ma kienx jinteressah min ikun hemm fid-dar.
- Qalet ukoll li darba f'Gunju kien ikkawzalha griehi hfief u ohra f'Novembru ikkawzalha griehi gravi (f'dawn il-proceduri l-imputat mhux qieghed jigi akkuzat li kkawza xi griehi fuq il-parte civile) u b'hekk kienet tibza' minnu.
- Hija baqghet tirrisjedi mieghu nonostante l-agir tieghu billi kien dejjem jghidilha li kien se jinbidel u hija kienet temmnu u ghaliex kienet thobbu wkoll.
- Hija ppruvat taghmel kuntatt mal-Ispettur Sylvana Briffa minhabba li diga' kien hemm proceduri ohra u ma sabithiex. Izda hija kienet kellmet lill-avukat taghha l-Hamis stess u qaltilha x'kien gara.

- ❖ Qalet ukoll li hija ghamlet kollox minhabba li kienet veru imwerwra minnu u kompla jwerwirha ghaliex beda jkisser kull ma jara u fil-fatt kisrilha mowbajl u mp3 player. Huwa imbaghad xtralha mowbajl iehor.

- Fis-17 ta' Mejju 2013 l-imputat ittiehditlu stqarrija fl-ghassa taz-Zurrieq. Minn tali stqarrija jirrizulta li l-imputat cahad li huwa kien gieghel jew bezza' lil Iona Marie Scicluna biex taghmel xi haga kontra l-volonta' taghha u li dak li ghamlet kien volontarjament min-naha taghha. Huwa stqarr li madwar hmistax jew tlett gimghat qabel kien ta lil Scicluna madwar €4,000 billi riedet taghmel operazzjoni fi snienha. Bhala ftehim reciproku kien hemm li hija ddawwar il-karozza fuqu. It-Tnejn 5 ta' Mejju 2013, huma kienu bil-geddum ma' xulxin, u waqt li kienu d-dar u meta staqsiha biex tiffirmalu l-logbook kienet qaltlu li kien gie misplaced u b'hekk marru Transport Malta biex jaghmlu iehor. Wara baqghu sejrin ghand tal-insurance u eventwalment ghand Buhagiar Motors u ta l-logbook biex isir it-transfer. Ikkonferma wkoll li marru l-Bank biex isir l-istanding order ta' €850 fix-xahar.

  - ❖ Stqarr li l-Hadd huwa kien induma li hija kienet qeghda thallas xi time-share ta' missierha u induna li gidbitlu fuq il-paga li kellha u huwa qalilha li ma setax jafdaha aktar. B'hekk hija ssuggeriet li taghmel l-istanding order u huwa ppropona li dan l-istanding order isir fil-kont joint ezistenti fl-HSBC izda peress li hija ma setax ikollha kont joint ma ebda bank iehor fthemu li l-flus jigu trasferiti fil-kont tal-VISA tieghu. Huwa qal li kien ftiehem li kien se jitfa' l-istess ammont f'dan il-kont.
  - ❖ Huwa sostna li jhallas hafna flus minn butu u ma kienx se joqghod ihallas il-flus u ma jiehu xejn.
  - ❖ Jichad li gieghlha taqleb il-karozza fuqu u li kieku hija tatu l-€4,000 lura kien jerga' jitrasferixxi l-karozza lura fuqha.
  - ❖ Mistoqsi dwar il-fatt li huwa kien vjolenti fil-konfront ta' Scicluna l-imputat wiegeb li kull ma kien hemm f'sentejn u xahrejn kienu zewg episodji, fejn anke hija hebbet ghalih, dufrejha ma' sidru, tiffolowjah ghand ommu fis-sieghat bikrin ta' filghodu u sab ukoll hwejjeg tieghu imqatta'.

- ❖ Cahad ukoll li sfurzaha sabiex tohrog ic-cekk ta' €25,000 ghal-favur tieghu u dan billi huma kienu ghamlu skrittura ghand in-Nutar fis-17 ta' April 2013 biex jissalvagwradja d-drittijiet tieghu.
- ❖ Huwa mar jiddepozita c-cekk fis-16 ta' April 2013 anki jekk kien jaf li ma kienx hemm flus fil-kont izda ried iwahhalha charge.
- ❖ Inkwantu ghall-akkuza li huwa kisrilha l-mowbajl qal li hija garatulu wara li kienet wadbitlu l-ashtray ukoll. L-Mp3 kissru huwa billi sabbat idejh fuq il-mejda. Jghid li l-Erbgha irrangaw flimkien u sahansitra kellhom relazzjonijiet intimi u marru jixtru flimkien ukoll. Jammetti wkoll li xtralha mowbajl.

- L-imputat tressaq b'arrest jiffaccja diversi imputazzjonijiet fit-18 ta' Mejju 2013 u inzamm taht arrest preventiv sakemm Iona Marie Scicluna xehdet fit-30 ta' Mejju 2013.
- Fit-30 ta' Mejju 2013 Iona Marie Scicluna xehdet li kienet ilha f'relazzjoni mal-imputat ghal ftit aktar minn sentejn. Tali relazzjoni ma kinitx relazzjoni pacifika izda kienet wahda mimlija argumenti, theddid u vjolenza fejn sahansitra huwa refa' jdejh fuqha u hija pprezentat ritratti[4] f'dan is-sens. Hija qalet li l-Hadd 5 ta' Mejju 2013 bdew jargumentaw billi ttardjat u beda jghidilha li ried il-karozza taghha ghax hija kienet telfitlu l-flus ghaliex kien issepara. Il-Hadd raqdu miggieldin u regghu bdew jiggieldu t-Tnejn filghodu. It-Tnejn kienu se jilbsu biex imorru x-xoghol, regghu argumentaw u beda jghidilha li telfitlu l-flus, ried li taghtih il-karozza, li taghmillu standing order ta' €850 fix-xahar mill-kont taghha ghall-kont tieghu, kellhom xi flus id-dar hadhom u kellha tmur tigbed il-flus. Hija qaltlu li ma riditx taghmel dawn l-affarijiet izda huwa baqa' jsostni li minhabba l-flus li telfitlu u li hija riedet taghmel dawk l-affarijiet ghaliex jekk tmerih kien johrogha mid-dar f'borza sewda. Geghlha ccempel ix-xoghol li kienet ma tiflahx u marru jdawru l-logbook f'ismu, tigbed il-flus u taghmillu l-istanding order. Fit-triq beda l-hin kollu jghidilha 'mossa falza u hazin ikun ghalik'. Hija ghalhekk ghamlet dak kollu li ried huwa. Huma baqghu d-dar ghaliex ma hallihiex tmur xoghol. L-Erbgha ikkalma kollox u l-Hamis filghodu kulhadd mar xoghol, ta c-cavetta tal-karozza u ta xi flus biex tinqeda. Wara x-xoghol hija ma

[4] Dok IS1 sa IS8 a fol 27 tal-process

marritx lura d-dar izda marret Hal Tarxien ghand il-genituri taghha. Hija xehdet li hija mwerwra minnu ghaliex huwa bniedem li jasal bhalma wasal drabi ohra, beda jhedded li jwegga' lilha, lil bintha u lill-familja taghha.

- Fit-12 ta' Gunju 2013 xehed Saviour Scicluna, missier il-parte civile, xehed li bintu kienet tghidlu li l-imputat kien jheddidha. Xehed li f'Novembru 2012 l-imputat baghat sms lil martu u qalilha biex imorru ghat-tifla ghaliex kien se johrogha bid-daqqiet ta' sieq. Martu baghtitlu l-sms u huwa mar ghand il-pulizija. Il-pulizija kelmu lill-imputat u filghaxija binthom marret id-dar ghandhom mimlija daqqiet. Bintu qaltlu li kien qieghed jitlobha xi flus, geghlha tiffirma karti biex iddawwar il-karozza ghal fuqu. Hija qaltlu li kien hedded lilha u lil familtha. Huwa kien jara lil bintu mwerwra, agitata u ma tiflahx titkellem. Huwa kkonferma li wara l-episodju ta' Novembru regghu rrangaw flimkien f'Dicembru, bidu tas-sena. L-operazzjoni tas-snien ma saritx kienet ghadha.
- Fis-17 ta' Lulju 2013 il-parte civile tbiddel il-versjoni moghtija minnha precedentement. Hija xehdet li c-cekk ta' €25,000 sar minhabba li l-post qieghed f'isem it-tnejn u dak sar biex jissalvagwardja lill-imputat f'kaz li jinqala' xi haga hemm il-flus tas-somma li ftehmu, l-istanding order. L-istanding order saret minhabba l-fatt li hija taghti l-manteniment tat-tifla lil ommha u kienet qeghda tispicca b'xejn fl-ahhar tax-xahar u l-istanding order saret biex jiftehmu ahjar fuq il-flus billi kienu qeghdin ighixu flimkien. L-istess dwar il-karozza xehdet li l-imputat kien taha xi flus u allura biex tissalvagwardja l-interessi tieghu qalbet il-karozza ghal fuqu. Meta mfakkra ghax-xhieda precedenti li hija kienet tat, hija rrispondiet li t-tilwim li nqalgha bejnha u l-imputat dejjem kien minhabba t-theddid ta' ommha. Ommha dejjem theddidha li se tohdilha lit-tifla taghha fl-istitut u dan ghaliex ma ridthix tibqa' ma' Ivan Mula. Hija qalet li huma ggieldu bhalma jiggieldu koppji ohra. Ghalhekk hija sostniet li t-transazzjonijiet li ghamlet hija qablet maghhom. Meta giet mistoqsija mill-Magistrat sedenti dwar ir-rapport li kienet ghamlet mal-pulizija x-xhud wiegbet li l-affarijiet kienu mkabbrin ghaliex kliem kien sar min-naha tat-tnejn. Hija qalet li f'dak l-istadju riedet il-karozza ghall-flus kienu jirrangaw wara. Hija tammetti li mill-ahhar xhieda hija tkellmet mal-imputat darbtejn. Hija kkonfermat pero' li bezghet minnu li jwegga' lilha, lil

ommha u lil missierha. Hija qalet ukoll li ma xtaqitx li jitkomplew il-proceduri u kkonfermat ukoll li lill-ispettur urietlu sms li kien lest biex jintbaghat bil-kontenut :'I will be going to get you out from all this'. Hija qalet li dak il-messagg riedet tibghatu lill-imputat. Fiz-zmien li tat din ix-xhieda hija ma kinitx qeghda tghix ma' ommha u ommha haditiha l-kura u l-kustodja ghaliex it-tifla ma riditx tghix maghha. In verita' tammetti li hija ffirmat sabiex ommha jkollha l-kura u l-kustodja ta' bintha billi t-tifla ma riditx tghix maghha. in kontro-ezami kkonfermat li hadd ma ppressa biex tixhed. Qalet ukoll li l-imputat kien sellifha €4,000 u l-flus kienu ghand ommha. L-ammont dovut mill-porzjon tad-dar ftehmu li kien se jkun €25,000 – l-ammont indikat fic-cekk izda t-tnejn kienu jafu li ma kienx hemm flus fil-kont.

- Fit-22 ta' Lulju 2013 l-avukat difensur tal-imputat iddikjara li l-imputat ircieva zewg ittri minn Iona Marie Scicluna kif ukoll ic-cavetta tal-vettura mertu tal-proceduri li d-difiza kienet se tipprezenta fl-istadju tal-provi taghha.
- Fit-30 ta' Ottubru 2013 xehdet Josephine Scicluna, omm il-parte civile. Hija qalet li f'xi gurnata f'Mejju 2013 bintha cemplitilha isterika u qaltilha li l-imputat kien hadilha kollox u qaltilha li kien qaleb il-karozza fuqu, hadilha l-ftit flus li kellha fil-bank, ghamel standing order ta' €850 u ghamel cekk. Ix-xhud qaltilha biex tmur id-dar u bintha ma riditx tmur ghax qalilha li kien sejjer ghalihom. Bintha imbaghad marret id-dar. Din ma kinitx l-ewwel darba ghaliex hafna drabi tqattghulha hwejjeg u gew mormija hwejjeg. Bintha kienet tghidilha li dejjem bil-problemi mieghu u li huwa dejjem irid il-flus. Meta marret id-dar bdew icemplulha l-ispetturi biex imexxu l-investigazzjoni. Hija kienet tghidilha li kien jheddidha. Lix-xhud gieli baghtilha messaggi jghajjarha mignuna. Xehdet ukoll li sakemm l-imputat kien taht arrest preventiv ghall-ewwel bdiet tohrog maghhom imbaghad bdiet tfittex lill-hbieb u f'daqqa wahda sfratta kollox. Ghaliex meta rega' hareg mill-habs riedet tbiegh il-post, trid tmur tnaddaf il-post u imbaghad trid terga' zzommu l-post. Hija qalet li kien hemm incidenti ohra fil-passat per ezempju kellha ghajnejha daqshiex u mnehirha mkisser. Ix-xhud tichad li kienet hija li geghlet lil bintha taghmel rapport izda qalet li bintha xehdet hekk ghaliex hija taht biza'. Bintha kienet

regghet qeghda tghix mieghu u qatghet il-komunikazzjoni kemm maghha kif ukoll ma' bintha. Hija rat hafna tbengil fuq bintha.

- Romwald Attard[5] xehed li l-istanding order numru 592709 infetah fis-6 ta' Mejju 2013 u inghalaq fit-13 ta' Mejju 2013. Ghalhekk qatt ma gie utilizzat. Il-flus kellhom jittiehdu mill-kont ta' Iona Marie Scicluna u l-flus kellhom imorru fil-kont ta' Ivan Mula. Il-pagamenti kellhom ikunu ta' €850 fix-xahar. Inkwantu ghac-cekk fl-ammont ta' €25,000 datat l-1 ta' Mejju 2013 mahrug mill-kont ta' Iona Marie Scicluna pagabbli lil Ivan Mula, dan gie depozitat fis-16 ta' Mejju 2013 fl-HSBC u l-ghada gie prezentat fil-Bank of Valletta u gie ritornat minhabba li ma kienx hemm fondi fil-kont.
- Karen Cremona,in rapprezentanza ta' Transport Malta, xehdet[6] li l-karozza Kia Picanto, Registrazzjoni Numru ION 317 kienet registrata fuq Iona Marie Scicluna mit-3 ta' Ottubru 2012 sat-8 ta' Mejju 2013. Mit-8 ta' Mejju 2013 sas-7 ta' Awwissu 2013 kienet registrata fuq Ivan Mula. Imbaghad giet trasferita lil terz.
- Fit-22 ta' Settembru 2014, Iona Marie Scicluna regghet telghet fuq il-pedana tax-xhieda fejn bazikament tat l-istess versjoni tal-fatti li hija kienet tat meta ghamlet ir-rapport tal-pulizija u kienet irrilaxxat id-dikjarazzjoni ezebita in atti. Hija infatti kkonfermat id-dikjarazzjoni li tinsab ezebita fil-process. Hija sostniet li biddlet il-versjoni billi f'Lulju kienet taht pressjoni biex tixhed b'dak il-mod mill-istess Ivan Mula ghaliex kienet wahda mill-kundizzjonijiet li huma impona biex johorgu flimkien. Hija spjegat li wara li fit-30 ta' Mejju 2013 l-imputat hareg mill-habs kienu ltaqghu darba b'kumbinazzjoni l-bahar u tkellmu u hija wriet ix-xewqa li terga' tohrog mieghu u huwa wkoll u bdew jitkellmu biex jiccaraw l-affarijiet bejniethom. Tkellmu fuq dak li gara, ghalfejn baghtitu l-habs u ghalfejn ghamlitlu hekk u hija qaltlu li hija qatt ma xtaqet tasal s'hemm izda hija kulma riedet kienet il-karozza. Mistoqsija dwar il-kundizzjonijiet imposti mill-imputat biex jergghu johorgu flimkien kienu li taghtih €300 fix-xahar, tixhed kif xehdet, ma tarax lill-familja taghha inkluz lit-tifla, ma tarax lil shabha u ma tmurx attivitajiet tax-xoghol. Hija kienet tghaddilu €300 permezz tal-internet banking u dawn il-flus tathomlu ghaliex hija kienet qeghda tghix ghand ommu u kienu qishom kera. B'kollox tatu madwar

---

[5] li xehed in rapprezentanza tal-Bank of Valletta fil-5 ta' Marzu 2014
[6] fil-25 ta' Gunju 2014

€1,800. Hija kkonfermat li l-operazzjoni ta' snienha ma ghamlithiex u l-flus ma tahomlha qatt. Hija ddikjarat li ma kinitx ghadha f'relazzjoni mal-imputat. In kontro-ezami cahdet li sal-gurnata ta' qabel hija baghtet sms lill-imputat izda kkonfermat li sa hmistax qabel kienu qeghdin jibghatu lil xulxin u tkellmu dwar ir-relazzjoni taghhom.

- Fit-2 ta' Dicembru 2015, Iona Marie Scicluna xehdet in kontro-ezami. Hija cahdet li l-imputat selfilha xi flus u tenniet li c-cekk gieghlha huwa tiktbu ghaliex huwa ried ikun salvagwardjat fil-kaz li kellhom jinfirdu. Hija spjegat li meta xehdet it-tieni darba u semmiet lil ommha kien minhabba li dak iz-zmien hija kienet regghet marret lura ghand l-imputat u riedet tbengel il-verita'. Imbaghad wara regghu infirdu, inqalghu aktar problemi u spiccat marret 'Merhba Bik' u damet hemm disa' xhur. Hija qalet li l-imputat m'ghnadux jiehu flus minghandha.

  - ❖ Inkwantu ghaz-zewg ittri datati 22 ta' Lulju 2013 ezebiti mid-difiza[7], ix-xhud sostniet li dawn gew dettati lilha mill-imputat.
  - ❖ Inkwantu ghall-iskrittura privata[8] ghand Nutar li saret fis-17 ta' April 2013 hija xehdet li l-ftehim kien li hija thallas il-loan u huwa jaghmel il-pagamenti tax-xirjiet u jhallas il-kontijiet izda huwa qatt ma zamm mal-ftehim.
  - ❖ Inkwantu ghar-relazzjoni taghhom hija qalet li l-imputat huwa missier binha. Ladarba jara lit-tifel huma jiltaqghu u jitkellmu.
  - ❖ Hija spjegat li dakinhar tal-incident l-imputat ma riedhiex tohrog u kull darba li ppruvat tohrog beda jaghlqilha l-bieb jew hadilha c-cwievet tal-karozza jew tad-dar. Hija ma setghetx tohrog mid-dar ghaliex la kellha cwievet, la kellha mowbajl u lanqas portmoni. Ghalkemm irnexxielha tohrog mid-dar huwa geghlha tidhol lura. Hija cahdet ukoll li kienet ommha li geghlitha taghmel ir-rapport fil-konfront tal-imputat.

Illi stabilit dan kollu jehtieg li l-Qorti titratta l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat.

---

[7] Dok B u C a fol 80 u 81 tal-process
[8] Dok A a fol 79 tal-process

**L-ewwel tlett imputazzjonijiet**

L-imputat jinsab akkuzat li fis-6 ta' Mejju 2013 huwa ssekwestra lil Iona Marie Scicluna kontra l-volonta' taghha liema delitt sar (i) biex isir trasferiment tal-vettura taghha ghaf-favur tieghu; u (ii) sabiex taghmel standing order ta' €850 fix-xahar pagabbli lill-istess imputat; u (iii) li fl-1 ta' Mejju 2013 harget cekk ghaf-favur tieghu.

Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-artikoli indikati huma l-artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kodici Kriminali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Bonnici**[9] intqal:

*"L-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali umbaghad jghid li jkun hati tar-reat ta' sekwestru ta' persuna : "kull min, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti , u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata…"*

*Illi l-**Professur Sir Anthony Mamo** (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40] ) meta ikun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid :-*

*"the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous : each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty : "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina ; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova ; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid , para 323) …Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place ; **or may be detained in his own house without having been previously arrested."***

[9] Qorti Kriminali deciza fil-5 ta' Jannar 2004

Illi kif diga' gie accennat l-imputat jichad dak addebitat lilu u filwaqt li ma jikkontestax li sar ic-cekk ta' €25,000, li sar l-istanding order kif ukoll li sar it-trasferiment tal-karozza huwa sostna li dan kollu sar volontarjament min-naha ta' Iona Marie Scicluna li dak iz-zmien kienet is-siehba tieghu.

Inkwantu ghal versjoni moghtija minn Iona Marie Scicluna ma jistax ma jigix rilevat li hija xehdet diversi drabi *viva voce* quddiem il-Qorti u li kien hemm darba minnhom fejn fix-xhieda taghha bazikament tat versjoni differenti minn dik li tat bidu ghal dawn il-proceduri liema versjoni allura tixbah lil dik li ta originarjament l-imputat. Id-difiza targumenta li ladarba l-parte civile ma kinitx dejjem konsistenti fil-versjoni taghha u sahansitra cahdet ir-rapport maghmul minnha allura dan ifisser li Iona Marie Scicluna hija xhud inaffidabbli u kwindi ma tistax titwemmen. Inoltre' d-difiza tirreferi ghas-sentenza moghtija minn Qorti diversament presjeduta fejn proprju gie ritenut li l-parte civile hija xhud inaffidabbli.

B'referenza ghall-argument dwar dak li ntqal f'sentenza li ghaddiet in gudikat jinghad mill-ewwel li din ma tistax tkun ta' ghajnuna ghall-imputat. Dawk kienu proceduri separati u distinti minn dawk odjerni u mhux se jinghataw piz fil-kaz odjern.

Inkwantu ghall-fatt li Iona Marie Scicluna ma kinitx dejjem konsistenti ma jwassalx bilfors lil din il-Qorti sabiex tiskarta x-xhieda taghha u dan qieghed jigi rilevat meta jittiehdu c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ix-xhieda u d-dokumenti prodotti.

Din il-Qorti fliet b'reqqa l-inkartament ta' dawn l-atti u hasbet ukoll fit-tul u tqis li m'ghandhiex tiskarta x-xhieda ta' Iona Marie Scicluna meta tghid li dak li ghamlet ghamlitu kontra l-volonta' taghha. Hija kienet vittma ta' vjolenza domestika *sic et simpliciter.* Mill-kronologija tal-fatti kif graw jirrizulta li meta Iona Marie Scicluna tat id-dikjarazzjoni taghha li hija kkonfermat ukoll bil-gurament taghha hija kienet qeghda tirrisjedi mal-genituri taghha ghaliex kien irnexxielha titlaq minn darha. Meta xehdet l-ewwel darba quddiem il-Qorti fit-30 ta' Mejju 2013 hija ma kellhiex kuntatt mal-imputat billi kien ilu mizmum taht arrest preventiv ghal madwar tnax-il gurnata. Din ix-xhieda hija konformi mad-dikjarazzjoni li hija rrilaxxjat mal-Ispettur Pulis u li abbazi taghha nbdew il-proceduri odjerni. Jirrizulta li sussegwentement il-parte civile u l-imputat regghu flimkien u kien

proprju f'dan il-perjodu li Iona Marie Scicluna tat id-deposizzjoni taghha fis-17 ta' Lulju 2013 fejn hija ddikjarat li dak li ghamlet kienet ghamlitu b'mod volontarju. Meta xehdet sussegwentement ossija fit-22 ta' Settembru 2014 (kwindi erbatax-il xahar wara) hija tenniet l-ewwel versjoni moghtija u ddikjarat li meta xehdet erbatax-il xahar wara hija kienet taht pressjoni mill-imputat biex tixhed b'dak il-mod ghaliex wahda mill-kundizzjonijiet tieghu biex jergghu jirrangaw flimkien. Meta xehdet in kontro-ezami l-parte civile baqghet konsistenti mal-versjoni moghtija li kien l-imputat li geghlha titrasferixxi l-karozza, taghmel l-istanding order u tohrog ic-cekk kontra l-volonta' taghha u minghajr ma hija kellha xi obbligi lejn l-istess imputat. Inoltre' l-versjoni moghtija minnha fis-17 ta' Lulju 2013 lanqas hija verosimili u dan kif se jigi rilevat aktar 'l isfel f'din is-sentenza.

L-avukat difensur tal-imputat sostna li ma jistax ikun li persuna terga' tmur lura ma' persuna addebitata bir-reati odjerni. Forsi jekk wiehed ihares lejn tali sitwazzjoni b'mod oggettiv jasal li jghaddi tali kumment jew opinjoni izda r-realta' hija ferm aktar differenti minn din. Huwa assodat li mhux facli li persuna li tkun vittma ta' vjolenza domestika tohrog minn dak ic-cirku anki ghaliex hafna drabi l-perpetratur jibqa' jsostni li se jinbidel meta fil-verita' ma jinbidel qatt jekk ma jfittix l-ghajnuna ta' professjonijisti. Huwa dan li proprju gara fil-kaz odjern. Iona Marie Scicluna xehdet aktar minn darba li hija kienet thobb lill-imputat u kien ghalhekk li kull darba kienet tmur lura mieghu u dan sakemm indunat li ftit kien hemm tama. Qieghed jinghad li marret lura kemm-il darba ghaliex irrizulta li l-imputat gieli kien aggressiv mal-parte civile u dan mhux biss huwa ppruvat minn dak li xehdet il-parte civile, izda minn dak li xehdu l-genituri taghha li raw it-tbengil fuqha kif ukoll l-istess imputat fl-istqarrija tieghu fejn jikkonferma li kien hemm zewg episodji ta' vjolenza u jipprova jiggustifika lilu nnifsu billi jghid li hija girfitlu sidru u gieli sab hwejjeg imqattghin!

Din il-Qorti tqis li gie ppruvat li fil-5 ta' Mejju 2013 l-imputat u l-parte civile bdew jargumentaw u li l-imputat dakinhar beda jsemmi li ried li l-karozza taghha tigi trasferita ghal fuqu. Il-parte civile dakinhar ma qablitx. Huma raqdu bil-geddum hekk kif ammess mit-tnejn li huma. L-ghada filghodu u cioe' fis-6 ta' Mejju 2013 il-parte civile kienet lesta biex tmur ix-xoghol. Regghu qabdu jargumentaw u l-imputat hadilha

c-cwievet tal-karozza u tad-dar. Waqt l-argument l-imputat kien aggressiv tant li huwa stess jammetti li sabbat idejh fuq il-mejda u kisser l-mp3 tal-parte civile u kif xehdet il-parte civile kisrilha anki l-mowbajl. L-imputat ma ridhiex tmur ix-xoghol biex imorru jaghmlu t-transfer tal-karozza u l-istanding order. L-imputat ma jistax jitwemmen li t-transfer tal-karozza u l-istanding order sar b'mod volontarju meta l-parte civile kienet lestiet biex tmur ix-xoghol u mhux biex tmur mieghu biex takkomodah. Il-parte civile f'punt minnhom harget barra mid-dar izda l-imputat ghajtilha lura u hija dahlet. Huwa evidenti li l-parte civile kienet qeghda tibza' mill-imputat li dak il-hin kien qieghed jheddidha u kien ilu jheddidha li se jaghmel il-hsara lilha, lill-genituri taghha u lil bintha. Gieli qalilha li kien se johrogha minn hemm 'f'borza sewda'. Oltre' minn dan l-imputat refa' jdejh precedentement fuq il-parte civile w allura dan il-fattur kompla zied il-biza' fil-parte civile b'tali mod li hija assoggettat ruhha li ma kellhiex alternattiva hlief li tibqa' fid-dar kif ordnalha l-imputat. Hekk kif xehdet il-parte civile bla portmoni, bla cavetta ta' darha, bla mowbajl u bla cavetta tal-karozza ftit setghet tillarga mid-dar meta kienet taf li l-imputat se jsegwiha u se jilhaqha zgur.

Ghalhekk is-sekwestru tal-persuna ta' Iona Marie Scicluna gie ampjament ippruvat. Gie ippruvat ukoll l-aggravju li dan is-sekwestru sar sabiex Iona Marie Scicluna giet imgieghlha taccetta li taghmel trasferiment tal-vettura taghha kif ukoll li taghmel l-istanding order ta' €850 fix-xahar pagabbli lill-imputat. L-imputat isostni li l-parte civile ghamlet dan kollu b'mod volontarju. Apparti x-xhieda moghtija minn Iona Marie Scicluna li proprju tikkontrasta l-volontarjeta' tal-azzjonijiet taghha hemm provi ohra li jikkonvincu lil din il-Qorti dwar il-htija tal-imputat.

Issir referenza ghall-iskrittura privata ezebita bhala Dok A[10]. Din hija skrittura li giet redatta min-Nutar Pubbliku (ghalkemm dan in-Nutar ma tressaqx bhala xhud biex jispjega x'seta' gie diskuss quddiemu) nhar is-17 ta' April 2013. Il-firmatarji fuq din l-iskrittura kienu proprju l-imputat u l-parte civile apparti n-Nutar li rredigiha. F'din l-iskrittura gie dikjarat li Iona Marie Scicluna hija proprjetarja tal-fond numru 8, Sqaq San Frangisk, Haz-Zabbar fuq liema fond hemm loan li qeghda tithallas mill-istess Scicluna. F'din l-iskrittura gie dikjarat li Ivan Mula

[10] A fol 79 tal-process

kien qieghed johrog spejjez ghal hajja ta' kuljum, kontjiet ta' dawl u ilma u spejjez ohra relatati mal-hajja ta' kuljum (anki jekk Scicluna xehdet li l-imputat qatt ma zamm tali obbligi). Imbaghad testwalment inghad:

*'Bi qbil bejn il-partijiet, jekk ir-relazzjoni ta' bejniethom tintemm, il-komparenti Iona Marie Scicluna, tintrabat illi thallas lill-imsemmi Ivan Mula somma li tkun accettabbli ghall-istess Ivan Mula u dan skond stima minn persuni inkarigati li jkunu accettabbli liz-zewg partijiet u dan l-imsemmi Ivan Mula ma jkollu ebda dritt jibqa' jabita fl-imsemmi fond wara li jithallas l-imsemmija somma u dan bl-accettazzjoni tal-istess Ivan Mula.*

*Il-partijiet jaqblu wkoll illi jekk ma jaslux ghal ftehim bejniethom dwar l-imsemmija somma, l-fond hawn imsemmi jitpogga ghall-bejgh lil terzi, l-ewwel somma jithallas il-bank u d-differenza tinqasam bejn il-partijiet, u dan bl-accettazzjoni tal-partijiet'.*

M'hemmx bzonn wisq kummenti dwar tali ftehim hlief li huwa ftehim li fuq kollox ihares l-interessi tal-imputat. Meta jitqies li l-partijiet kienu ilhom f'relazzjoni ghal ftit aktar minn sentejn u li l-imputat kien qieghed ighix u jgawdi proprjeta' tas-siehba tieghu ha hsieb sew l-interessi tieghu. L-istess jinghad ghall-istanding order fl-ammont ta' €850 liema ammont huwa pjuttost konsiderevoli tenut kont tac-cirkostanzi.

Mhux hekk biss talli hmistax-il gurnata wara l-parte civile tikteb cekk intestat ghaf-favur tal-imputat fl-ammont ta' €25,000. Evidentement dan l-ammont huwa relatat mal-iskrittura privata appena citata. Huwa minnu li t-tnejn kienu konsapevoli li fil-kont ma kienx hemm bizzejjed flus izda certament l-imputat riedha tiffirmah bhala prova li huwa kreditur taghha. Nonostante li f'dawn il-proceduri saru domandi lill-parte civile fis-sens li l-imputat huwa kreditur taghha tali asserzjoni lanqas sal-grad tal-probabbli ma gie ppruvat. L-istess jinghad ghall-erbat elef euro li allegatament l-imputat sellef lill-parte civile biex taghmel intervent fi snienha liema intervent baqa' qatt ma sar. D'altronde' kieku kien minnu li l-imputat sellifha dak l-ammont skrittura privata kienet ukoll tissalvagwardja d-drittijiet tieghu. Anki l-ittri datati 22 ta' Lulju 2013 inkitbu fuq struzzjonijiet tal-istess imputat biex b'xi mod jigi skolpat.

Dak li rrizulta mill-provi processwali huwa li l-imputat ried ikollu kontroll assolut tal-parte civile.

It-tielet imputazzjoni tirreferi wkoll ghal sekwestru tal-persuna tal-parte civile fl-1 ta' Mejju 2013 bil-ghan li geghlha titrasferixxi s-somma ta' €25,000 permezz ta' cekk intestat lil Ivan Mula. Filwaqt li rrizulta mill-provi li Iona Marie Scicluna ffirmat cekk fl-ammont ta' €25,000 intestat lil Ivan Mula u dan fl-1 ta' Mejju 2013 u filwaqt li rrizulta li anki dan ic-cekk inkiteb minnha ghaliex kienet imgeghlha mill-istess imputat ma rrizultax mill-provi prodotti li filwaqt li kitbitu l-imputat kien issekwestraha w allura l-imputat ma jistax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

**Ir-raba' u hames imputazzjonijiet**

Fis-sentenza moghtija fil-kawza **Il-Pulizija vs Raymond Parnis**[11] il-Qorti ta' l- Appell Kriminali ghamlet analizi approfondita tar-reati in ezami. Dik il-Qorti qalet hekk:

*"Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz "harassment") gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 215C u 215D tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 215A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. .... Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': "alarming" jew idejjaq: "causing distress" lill-persuna.*

.....

[11] Deciza fit-18 ta' Gunju 2009

*U mbaghad l-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet.*

*..... Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik l-okkazzjoni. Igifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-reasonable man. Hemm ukoll f' dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251(3)(a) u (b) u dik li l-imgieba addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghal-harsien taghha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta' taghha jew ta' haddiehor.*

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna, ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. F'sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew harassment hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz "stalking". Dan l-agir jista' jkun provokat minn diversi ragunijiet jew "patterns of behaviour". Jezistu per ezempju kazijiet ta' "rejected stalkers" fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-"rejection" mill-vittma taghhom. Hemm kazjiet ta' "resentful stalkers" li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil-ghan li jbezzghu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. ......... Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi. (ara App. Krim. "Il-*

*Pulizija vs. A. Caruana Carabez" [21.6.2007]; "Il-Pulizija vs. Fabio Psaila" [12.2.2009] u ohrajn)*

*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: 'Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini" [26.22009], it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :- "Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose". Dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena w tal-agir precedent tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :- "…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Illi mill-provi appena riferuti u riportati dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew ukoll ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

**Is-sitt imputazzjoni**

Illi l-Avukat Generali indika l-artikolu 339(d) u (e) tal-Kapitolu 9 fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju. Billi l-artikoli korretti huma 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali u din il-Qorti hija marbuta mal-artikoli kif indikati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, l-imputat mhux se jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

**Is-seba' imputazzjoni**

Illi l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna hsara volontarja billi kisser il-mowbajl tal-parte civile.

Tali imputazzjoni wkoll giet ippruvata mix-xhieda tal-parte civile u bil-prezentata tal-ircevuta tal-valur tal-mowbajl[12]

Illi l-imputat qabel ma bdew il-proceduri kien diga' xtara mowbajl gdid lill-parte civile u kwindi mhux se jkun hemm ordni ghal hlas tal-valur tal-mowbajl.

**It-tmien imputazzjoni**

Illi tali imputazzjoni ma tirrizultax li giet ippruvata ghaliex ma johrogx mill-provi ghal-liema dokument tirreferi l-istess imputazzjoni.

**Id-disa' imputazzjoni**

Illi inkwantu ghad-disa' imputazzjoni l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju indika li tista' tinstab htija taht l-artikolu 110 tal-Kodici Kriminali u l-Qorti hija marbuta ma' tali artikolu.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat mar fl-ghassa tal-pulizija u rrapporta li l-parte civile ma rritornatlux il-karozza u li ma kinitx qeghda twiegbu.

Illi referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Loreto Bugeja[13]** fejn il-Qorti rritiniet is-segwenti b'referenza ghall-artikolu 110(2) tal-Kodici Kriminali li huwa l-istess artikolu tal-ligi addebitat fil-konfront tal-imputat:

*"Dina d-disposizzjoni tal-ligi giet mizjuda fil-kodici taghna permezz ta'l-Ordinanza IX ta'l-1911 u giet imfassla fil-maggior pparti taghha fuq l-artikolu 211 tal-Kodici Taljan ta'l-1889. Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghandu dana xi ighid dwar dina d-disposizzjoni tal-ligi:*

[12] A fol 156 tal-process

[13] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-23 ta' Settembru 2010

***"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertainan imaginary fact. ... This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged ... (sottolinjar tal-Qorti). The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. ... Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnous accusation.(sottolinjar tal-Qorti)"***

*F'sentenza moghtija mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Mizzi (16/02/1998) gie deciz:*

***" Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indirecta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta'reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni***

***verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta'l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."***

Illi fil-kaz odjern m'hemmx dubju li dan mhux il-kaz ta' simulazzjoni reali jew indirecta peress illi minn imkien ma rrizulta li l-imputat kien

qieghed jipprova johloq b'mod qarrieqi xi provi foloz. Mhux biss hekk izda l-imputat indika l-persuna fir-rapport tieghu bhala li Iona Marie Scicluna bazikament serqitlu l-karozza u ghalhekk l-akkuza mhix legalment sostenibbli fid-dawl tal-fatti kif sehhew.

**L-ghaxar imputazzjoni**

Illi l-imputat jinsab akkuzat li kiser il-liberta' kundizzjonata imposta fuqu permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Lulju 2012.

Il-Prosekuzzjoni ezebiet vera kopja tas-sentenza inkwistjoni[14]. Il-karta tal-identita' hija identika ghal dik tal-imputat odjern.

M'hemmx dubju li tali imputazzjoni giet ippruvata inkwantu s-sena tal-liberta' kundizzjonata li kienet imposta kienet ghadha vigenti.

Din il-Qorti se taghzel li ma titrattax mal-imputat ghal dan il-ksur.

**Ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest**

Illi ghar-rigward tal-imputazzjoni li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest moghtija fl-20 ta' Novembru 2012 din l-imputazzjoni giet ippruvata. Ghalkemm gie ezebit biss fotokopja ta' digriet bhala Dok PK[15] id-difiza fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2014 ezentat lill-prosekuzzjoni milli ggib prova tal-awtenticita' tieghu.

Il-proceduri relatati ma' tali digriet illum gew decizi u ghaddew in gudikat. Jinghad ukoll li tali reat sehh qabel ma gie emendat l-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk din il-Qorti se tapplika l-ligi li kienet vigenti meta twettaq ir-reat. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti

[14] Dok KP1 a fol 108 tal-process
[15] Attacjat mal-qoxra tal-process

mhux se tilqa' t-talba ghar-riarrest mill-gdid tal-imputat u mhux se tordna l-konfiska tal-garanzija personali.

Ghal tali ksur l-imputat se jigi kkundannat ghal hlas ta' multa ta' €500.

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat. In vista li l-imputat qieghed jinstab hati li kiser il-liberta' kundizzjonata imposta fuqu ai termini tal-ligi ma tistax tinghata sentenza sospiza. Iz-zewg alternattivi l-ohra huma prigunerija effettiva jew ordni ta' probation. Dwar dan din il-Qorti wkoll hasbet fit-tul u tqis li f'dan l-istadju ghandha tirreferi ghal xi gurisprudenza sabiex tikkunsidra x'piena ghandha tigi erogata.

Illi in linea generali jibda biex jinghad *li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena*[16].

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghall-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull

[16] Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru, 2006

sensiela ta’ cirkostanzi differenti li fihom jista’ jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta’ liema, skond ic-cirkostanzi ta’ kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.Illi pero c-cirkostanzi ta’ kull kaz tant jistghu ikunu partikolari li l-piena prospettata mill-legislatur, anke fil-minimu taghha, ma sserviex biex jintlahaq dak il-bilanc fuq imsemmi. Il-Qorti fil-fatt ghandha l-fakolta li fid-diskrezzjoni taghha, u fejn il-Ligi ma teskludiex l-ezercizzju ta’ din il-fakolta, teroga piena li tkun taht il-minimu preskritt fil-ligi.

Illi aktar minn hekk il-Ligi tipprospetta li l-esekuzzjoni ta’sentenza (ta’ prigunerija) tigi sospiza ghal perjodu ta’ zmien u, jekk ikun opportun, din is-sospensjoni tista’ ssir taht certu kundizzjonijiet, inkluz ordni ta’ supervizzjoni u ordni ta’ trattament.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista’ titratta ma’ persuna misjuba hatja ta’ xi reat u x’evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-Pulizija vs Maurice Agius[17] dik il-Qorti (anke b’referenza ghas-sentenza taghha stess moghtija fil-kawza Il-Pulizija vs Anthony Wood[18]) qalet hekk:

*“Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta’ jekk sentenza ta’ prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta`u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal*

[17] Deciza fit-13 ta’ Novembru 2009
[18] Deciza fit-23 ta’ Settembru 1994.

*dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza R v. Sargeant: "Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Annabelle Camilleri**[19] gie ritenut:

*"Il-Qorti rat diversi kazijiet decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn kwistjonijiet simili gew dibattuti u decizi. Hekk per ezempju fil-kaz : "Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly u Justin Farrugia" deciza nhar id-9 t'Ottubru 2008, minkejja l-fatt li l-imputati kienu specifikament mixlija li kkommettew ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati, u li huma ammettew ghall-istess imputazzjoni, il-Qorti tal-Magistrati kienet qeghdithom taht ordni ta' probation; filwaqt li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkonfermat din l-ordni ta' probation fil-konfront ta' Rittmar Hatherly filwaqt li hassritha fil-konfront ta' Justin Farrugia minhabba li dan wera bic-car li ma riedx joqghod ghall-ordnijiet tal-Probation Officer assenjat lilu.*

*Principju simili gie ribadit aktar ricenti fil-kawza fl-ismijiet : "Il-Pulizija vs Andrew Formosa" decia nhar l-20 ta' Mejju 2011 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali konfrontata b'sitwazzjoni simili ghal dik in disamina fejn il-Prosekuzzjoni ma imputatx il-ksur tal-kundizzjonijiet jew talbet l-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, iddecidiet li tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tliet snin, minkejja li l-Qorti tal-Magistrati kienet mhux biss sabitu hati, talli kienet ukoll applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Biss il-Qorti tal-Appell Kriminali hasset li l-imputat, ukoll*

[19] Deciza fil-25 ta' Marzu, 2014

*ghar-ragunijiet imsemmija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Hatherly hawn fuq imsemmija, kellu jibbenefika minn ordni ta' probation, minkejja dak misjub fil-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Illi tenut kont ta' dawn l-insenjamenti appena riportati l-Qorti tqis li m'ghandhiex timponi sentenza ta' prigunerija effettiva. Dan ghaliex fil-fehma tal-Qorti l-imputat ghandu bzonn ghajnuna ta' nies professjonisti sabiex jaghraf kif jiggestixxi r-relazzjonijiet personali tieghu u kif jikkontrolla u anki jelimina l-aggressivita' tieghu. F'dan il-kaz partikolari jkun aktar ta' beneficcju ghalih u ghan-nies ta' madwaru u ghas-socjeta' in generali ghaliex ikun aktar ta' gid li jirriabilita ruhu u inoltre' billi l-imputat ghandu impjieg fiss u mal-parte civile ghandu wkoll wild.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet, is-sitta, it-tmien u d-disa' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 86, 87(1)(e), 251A, 251B, 325(1)(b) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu u inkwantu ghall-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-hames u s-seba' imputazzjonijiet il-Qorti qeghda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin millum skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inkwantu ghall-ghaxar imputazzjoni din il-Qorti qeghda taghzel li ma titrattax mal-hati.

Inkwantu ghal ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest wara li din il-Qorti rat l-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati ghal hlas ta' multa ta' €500. Mill-bqija tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni ghar-ri-arrest mill-gdid tal-imputat u tichad it-talba ghall-konfiska tal-garanzija personali imposta fid-digriet tal-helsien mill-arrest.

Inoltre' qeghda tpoggi lill-hati taht ordni ta' trattament a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali ghal zmien tlett (3) snin u dan bil-ghan li jigi mghejjun ghall-aggressivita' tieghu u ghal ghajnuna psikologika.

In oltre a tenur tal-artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-hrug ta' ordni ta' trazzin fil-konfront tal-imputat li permezz tieghu taghti efett ghall kull ma hemm fis-subinciz (3) tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaf-favur ta' Iona Marie Scicluna u familjari taghha ghal zmien tlett (3) snin. Naturalment in vista li l-imputat u l-parte civile ghandhom wild jista' jaghti l-kaz li jkun hemm il-htiega ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet, f'kaz li dan isir semmai issir tramite l-avukati rispettivi, jekk isir bejniethom dan ghandu jsir b'mod civili u fil-parametri tal-ligi.

Inotre' a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 il-hati qieghed jigi ordnat ihallas l-ammont ta' €1189.35 rapprezentanti hlas ta' esperti nominati. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ikun hemm konversjoni tal-bilanc fi prigunerija.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi jekk jikkometti reat iehor waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat